

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 932/2013

tas-26 ta' Settembru 2013

dwar il-kwistjoni tal-liċenzji għall-importazzjoni tar-ross skont il-kwota tariffarja miftuħa għas-subperjodu ta' Settembru 2013 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jstabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji għall-importazzjoni <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2011 tas-7 ta' Diċembru 2011 li jiftaħ u li jipprovdha għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 fetax u pprovda għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur, li jinqasam skont il-pajjiż tal-orijini u f'diversi subperjodi skont l-Anness I ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
- (2) Settembru huwa r-raba' subperjodu għall-kwota pprovdata skont l-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011, it-tielet subperjodu għall-kwota pprovdata skont l-Artikolu 1(1)(d) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u l-ewwel subperjodu għall-kwota pprovdata skont l-Artikolu 1(1)(e) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
- (3) In-notifiki mibgħuta skont l-Artikolu 8(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 juru li, għall-kwoti bin-numru tal-ordni 09.4112 – 09.4117 – 09.4119 – 09.4168, l-applikazzjonijiet imressqa fl-ewwel għaxart (10) ijiem ta' xogħol ta' Settembru 2013, skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, ikopru kwantità li taqbeż dik

disponibbli. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu liċenzji għall-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent tal-allokkazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet mitluba taħt il-kwoti kkonċernati.

- (4) Dawk in-notifiki juru wkoll li, għall-kwoti bin-numru tal-ordni 09.4127 – 09.4128 – 09.4129 – 09.4130 – 09.4116 – 09.4118, l-applikazzjonijiet imressqa fl-ewwel għaxart (10) ijiem ta' xogħol ta' Settembru 2013, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011, ikopru kwantità li hija inqas minn dik disponibbli.
- (5) Il-kwantità mhux użata għas-subperjodu ta' Settembru tal-kwoti bin-numru tal-ordni 09.4127 – 09.4128 – 09.4129 – 09.4130 hija trasferita għall-kwota bin-numru tal-ordni 09.4138 għas-subperjodu sussegwenti skont l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011.
- (6) Għalhekk, teħtieġ li tiġi ffixxata wkoll, għall-kwoti bin-numri tal-ordni 09.4138 u 09.4168, il-kwantità totali disponibbli għas-subperjodu sussegwenti, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011.
- (7) Sabiex tkun żgurata ġestjoni effettiva tal-proċedura tal-ħruġ tal-liċenzji għall-importazzjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji għall-importazzjoni ta' ross li jaqgħu taħt il-kwoti bin-numru tal-ordni 09.4112 – 09.4117 – 09.4119 – 09.4168 imsemmija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 imressqa matul l-ewwel għaxart (10) ijiem ta' xogħol ta' Settembru 2013, jagħtu lok għall-ħruġ ta' liċenzji għall-kwantità mitluba, immultiplikata skont il-koeffiċjent ta' allokkazzjoni stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kwantità totali disponibbli għas-subperjodu sussegwenti skont il-kwoti bin-numru tal-ordni 09.4138 u 09.4168 imsemmija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 hija stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

<sup>(3)</sup> ĠU L 325, 8.12.2011, p. 6.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

## ANNEX

**Kwantitajiet li għandhom jiġu allokati għas-subperjodu ta' Settembru 2013 u kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu sussegwenti skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011**

(a) Kwota ta' ross mitħun kollu jew ross mitħun parzjalment kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 30 kif provdut bl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

Orìgini	Numru tal-ordni	Koeffiċjent ta' allokazzjoni għas-subperjodu ta' Settembru 2013	Kwantità totali disponibbli għas-subperjodu ta' Ottubru 2013 (kg)
L-Istati Uniti	09.4127	— <sup>(1)</sup>	
It-Tajlandja	09.4128	— <sup>(1)</sup>	
L-Awstralja	09.4129	— <sup>(1)</sup>	
Jorìginaw minn xi pajjiż ieħor	09.4130	— <sup>(2)</sup>	
Il-pajjiżi kollha	09.4138		8 809 427

<sup>(1)</sup> L-applikazzjonijiet ikopru kwantitajiet li huma inqas minn jew daqs il-kwantitajiet disponibbli: għalhekk, l-applikazzjonijiet kollha huma aċċettabbli.

<sup>(2)</sup> L-ebda koeffiċjent ta' allokazzjoni applikat għal dan is-subperjodu: l-ebda applikazzjoni għal-liċenzji ma ġiet notifikata lill-Kummissjoni.

(b) Kwota ta' ross mitħun kollu jew ross mitħun parzjalment kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 30 kif provdut bl-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

Orìgini	Numru tal-ordni	Koeffiċjent ta' allokazzjoni għas-subperjodu ta' Settembru 2013
It-Tajlandja	09.4112	20,000000 %
L-Istati Uniti	09.4116	— <sup>(1)</sup>
L-Indja	09.4117	64,100655 %
Il-Pakistan	09.4118	— <sup>(1)</sup>
Jorìginaw minn xi pajjiż ieħor	09.4119	22,863613 %
Il-pajjiżi kollha	09.4166	— <sup>(2)</sup>

<sup>(1)</sup> L-ebda koeffiċjent ta' allokazzjoni applikat għal dan is-subperjodu: l-ebda applikazzjoni għal-liċenzji ma ġiet notifikata lill-Kummissjoni.

<sup>(2)</sup> L-ebda kwantità disponibbli għal dan is-subperjodu.

(c) Kwota ta' ross miksur kopert bil-kodiċi tan-NM 1006 40 00 kif provdut fl-Artikolu 1(1)(e) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

Orìgini	Numru tal-ordni	Koeffiċjent ta' allokazzjoni għas-subperjodu ta' Settembru 2013	Kwantità totali disponibbli għas-subperjodu ta' Ottubru 2013 (kg)
Il-pajjiżi kollha	09.4168	0,958982 %	0